DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/134/PESK

tat-18 ta' Frar 2008

li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/797/PESK tal-14 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Novembru 2005 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK li tistabbilixxi Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) għal perijodu ta' tlett snin. Il-fażi operattiva tal-EUPOL COPPS bdiet fl-1 ta' Jannar 2006.

(2) Fl-20 ta' Novembru 2006 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/807/PESK [2] li tistabbilixxi l-baġit finali għall-EUPOL COPPS għas-sena 2007.

(3) Fis-6 ta' Diċembru 2007 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2007/808/PESK, li tipprevedi li l-baġit għandu jkopri wkoll l-ispiża relatata mal-Missjoni mill-1 ta' Jannar 2007 sad-29 ta' Frar 2008.

(4) Skond l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2007/808/PESK, il-baġit finali tal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008 għandu jkun deċiż mill-Kunsill qabel id-29 ta' Frar 2008,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-ammont ta' referenza finanzjarju maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata mal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) mill-1 ta' Marzu 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008 għandu jkun ta' EUR.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Frar 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
D. RUPEL

[1] ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.
[2] ĠU L 329, 25.11.2006, p. 76. Deċiżjoni kif emendata b'Deċiżjoni 2007/808/PESK (ĠU L 323, 8.12.2007, p. 56)